Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 08

It- Tnejn,20 ta' Jannar 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Camille Scerri- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Mary Ann Sultana- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.06pm

**08.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

08.1.1 Il-Kunsilliera Mary Ann Sultana bgħatet tinforma lis-SE li ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba li kienet ma tiflaħx. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija

**08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

08.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tas- Seba' Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

08.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**08.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

08.3.1 Is- Sindku qal li nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar 2025 għal ħabta ta 12.30pm, uffiċċjali mill-ERA talbu lil Kunsill li b'mod immeddjat isir intervent biex jitneħħew zewġ sigar li kienu jinsabu fil-playground ta' l-Mdina peress li l-għada kien hemm ċans ta' maltemp qawwi u li dawn is-siġar kienu ta' periklu għal saħħa u s-sigurta ta' kull min ikun qed jaċċessa l-bandli. Għaldaqstant tqabbad il-kuntrattur biex jagħmel intervent fuq is-siġar u jitneħħew b'urġenza. S' intendi għal dawn ix-xogħolijiet minħabba ċ-ċirkostanzi nħarġet direct order

08.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li peress li issa ġew installati cctv's ġodda b'fondi mir- Reġjun Punent barra l-Mdina, mill-aktar fiss possibbli, il-kont tad-dawl tas-cctv l-antika li ilha nstallata sa mill-2010 għandu jiġi tterminat. Il-Kunsill qabel.

08.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li fir-rigward tal-cctv's ġodda, filwaqt li l-finanzjament tagħhom sar mir-Reġjun Punent, il-kontijiet tad-dawl ser jibdew jiħallsu mill-Kunsill.

08.3.4 Is- Sindku infurma lil Kunsill li is-cctv cameras li ġew installati ġewwa Howard Gardens issa qegħdin joperaw.

08.3.5 Is- Sindku infurma lil Kunsill għax xahar ta' Marzu għandha tiġi organizzata ħarġa għal anzjani

08.3.6 Is- Sindku talab lis- SE biex jibgħat *reminder* lil Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-*bus shelters* li kellhom jiġu nstallati u li f' Novembru tas-sena l-oħra kienu infurmawna li beda l-proċess ta' l-applikazzjoni għal installar imma li sa llum għadna ma smajna xejn.

08.3.7 Is- Sindku infurma lil Kunsill li ser jitqabbad il-handyman tal-Kunsill biex jagħmel manutenzjoni tal-horse shelter.

08.3.8 Is- Sindku xtaq jirringrazzja lir- Reġjun Punent kif ukoll lil Kunsill tas-suċċess enormi li kella l-attivita' tal-Christmas Concert, il-Katidral ta' L-Mdina fejn kellna attendenza numeruza ħafna u li kienet ta' sorpriza għal kulhadd meta wieħed jieħu kunsiderazzjoni li l-attivita' ġiet ppjanata ftit jiem qabel.

08.3.9 Is- Sindku talab lil Kunsill nagħmlu minuta silenzju għal mewt tas- Sur Azzopardi fejn s- Sur Azzopardi kien minn dejjem jagħti l-għajnuna tiegħu lil Kunsill fl-attivitajiet li kienu jiġu organizzati ġewwa l-Mdina.

**F'dan il-ħin, 3.25pm daħlet għal laqgħa l-Kunsilliera Scerri**

**08.4 Bagit 2025- Approvazzjoni**

08.4.1 Il-Bagit għas-sena finanzjarja 2025 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (mehmuż) għal approvazzjoni. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

08.4.3 Il-Kunsill approva l-baġit għas-sena 2025

**08.5 Rapport Finanzjarju gġat- Tlett Xhur minn Ottubru sa Diċembru 2024**

08.5. Is- SE infurma lil Kunsill li dawn id-dokument ser jitressqu għal kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**08.6 Performance Bonus għas-Sena 2024 lis- Seg. Ezekuttiv u Ħaddiema Klerikali**

08.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2024 fir-rigward tas- Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Il-Kunsill ddiskuta r-rapport tas-Segretarju. F'dan il-ħin is- SE kien skuzat mill-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Is- Sindku nforma lis- SE illi l-Kunsill approva performance bonus ta' 10%.

08.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2024 fir-rigward tas- Sna Clare Camilleri, impjegata tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li s- Sna. Camilleri tingħata performance bonus ta' 6%.

08.3 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2024 fir-rigward tas- Sna. Alexia Mallia, impjegata tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li s- Sur Scicluna tingħata performance bonus ta' 6%.

**08.7 Sejħa għal-offerti MLC04/ 2024- Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni**

08.7.1 Is- SE infurma lil Kunsill li s-sejħa għal offerti fir-rigward ta' installar ta' fencing madwar Ġnien Howard għalaq llum u għaldaqstant għandu jinħatar Bord ta' Evalwazzjoni. Il-membri li ser jiffurmaw dan il-Bord huma s- Sna MA Sultana- Chairman u s- Sinjuri A. B. Sant, J. Debono u PS Manduca bħala membri.

**08.8 Kwotazzjonijiet għal Events Manager- Medieval Mdina 2025- Approvazzjoni.**

08.8.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet li rċieva biex jingħata dan is-servizz fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-irħas offerta kienet ta' Karl Borg Events għal ammont ta' € 5605 (VAT inkluz).

08.8.2 Il-Kunsill approva unanimament.

**08.9 Kwotazzjonijiet għal Contracts Manager- Approvazzjoni**

08.9.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet li rċieva biex jingħata dan is-servizz fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-irħas offerta kienet ta' Raphael Carabott għal ammont ta' € 5890.56 (VAT inkluz).

08.9.2 Il-Kunsill approva unanimament

**08.10 Kwotazzjonijiet għal xiri ta' laptop għal-Kunsill- Approvazzjoni**

08.10.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet għal xiri ta' laptop għal Kunsill fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-irħas offerta kienet ta' Intercomp għal ammont ta' € 835 (VAT inkluz).

08.10.2 Il-Kunsill approva unanimament

**08.11 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

08.11.1 AKL2024/083- Personal Accident Policy- Il- Kunsill mhux ser jissieħeb f'din il-polza

08.11.2 Legio X Fretensis- Talba biex tittella' attivita ta' re-enactment ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill mhux f'posizzjoni finanzjarja li jiffinanzja din l-attivita' imma qed joffri b'xejn l-area Tat-Tomba. Fi Howard Gardens.

08.11.3 Focus Europe- Stedina biex Kunsill jipparteċipa fl-attivitajiet ġewwa Ruma nhar is- 7 ta' Frar 2025 bit-tema General Assembly of Focus Members. Il-Kunsill mhux ser jattendi.

08.11.4 Arċikonfraternita ta' San Guzepp- Talba biex fl-okkazjoni tal-Festa ta' San Guzepp jingħata permess biex ikun jista' jinħaraq n-nar mill-Pont Gomorino u Tomba. Il-Kunsill approva.

08.11.5 Xara Collection- Ilment rigward l-kundizzjoni ta' roqqa art li tinsab bejn il-lukanda u d-daħla tal-Kunsill. Ser jitqabbad il-handyman biex jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa.

08.11.6 NRGY Concepts- Talba biex jinkera Casino Notabile għal ħames gimgħat. Il-Kunsill approva.

08.11.7 Central Bank of Malta- Tnedija tat- Tieni Edizzjoni ta' munita komemorattiva tat- €2 biex isirdin it-tnedija ssir ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mar-rapprezentanti tal-Bank.

**08.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

08.12.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 20 ta' Jannar 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 71,874.85

08.11.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**08.13 Tmiem tal- Laqgħa**

08.13.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.20pm u ġiet aġġornata għal-17 ta' Frar 2025 fit-3pm.

| FFIRMATI | FFIRMATI |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___17 ta' Frar 2025__